ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 60** **L-ERBGĦA 1 TA' FRAR 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2012 fis-7.10 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Jesmond Aquilina, **il-Viċi Sindku** Kenneth Busuttil, **il-Kunsilliera** Angelo Briffa, Jeffrey Camilleri, Thomas Harmsworth, Dennis Zammit, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Ralph Puli u Margaret Mercieca (7:20).

**Il-Kunsillier** Simon Vella Gregory informa li ma kienx se jattendi minħabba xogħol u kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**60/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 59**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 59 li nżammet nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 59 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**60/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**60/02/01** **Is-Sindku** nforma li l-Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku u l-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Dennis Zammit fl-assenza tal-Kunsillier Angelo Briffa, nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar żamm l-ewwel laqgħa mal-kuntratturi li tefgħu l-offerti għat-tender tal-Latrini Pubbliċi u għall-ġbir tal-*Bulky Refuse*. Il-Bord għadu għaddej bil-ħidma tiegħu dwar dawn l-offerti.

**60/02/02** **Is-Sindku** nforma li l-Bord tal-għażla kompost mis-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Ralph Puli, u mas-sur Adrian Mifsud, *Head of Training, Human Resources, Administration, and EU & International Affairs*, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u b'esperjenza fl-oqsma tar-reklutaġġ u tar-riżorsi umani, ltaqa' llum fl-4.30, sabiex jara d-disa' u għoxrin applikazzjoni, li tressqu, fejn tnejn biss kienu validi.

**60/02/03** **Is-Sindku** nforma li Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li kienet tħejjiet stima tax-xogħol meħtieġ għall-*Pelican Crossing* fi Triq il-Ħammieri, u kienet tressqet sabiex il-fondi meħtieġa jkunu kommessi għal dan ix-xogħol. La darba dawn il-fondi jkunu approvati, tinħareġ it-tender għal dan ix-xogħol.

**60/02/04** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li x-xogħol minn Transport Malta fuq il-bini tal-bankini kif ukoll *Pelican Crossing* fi Triq il-Mithna kien inbeda din il-ġimgħa. Sa fl-aħħar din il-parti tat-triq hekk importanti se jkollha l-bankini fuq iż-żewġ naħat kif ukoll mnejn wieħed jista' jaqsam din it-triq tant traffikuża bl-inqas diffikulta permezz tal-*pelican crossing*.

**60/02/05** **Is-Sindku** nforma wkoll li nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar il-MEPA approvat l-applikazzjoni PC 9/11 dwar Triq il-Wied fi Triq il-Belt Valletta**.** F'din il-laqgħa s-Sur Paul Magri ħareġ jgħajjar lill-Perit tal-Kunsill u lill-avukat tal-Kunsill għaliex għal darb'oħra ma ngħatax raġun.

**60/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2012**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2011
**b)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2012
**c)** *Bank Payments* Jannar 2012
**d)** *Petty Cash* Jannar 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**60/04** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-approvazjoni tal-Kunsill l-istima ta' €350 tal-Gwardjani Lokali għas-servizz fi Triq il-Belt Valletta nhar is-Sibt 28 ta' Jannar fl-attivita' tal-inawgurazzjoni tal-grawnd tal-football tal-lokalita'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-ħlas.

**60/05** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** daħlet għas-seduta fis-7:20.

**60/06** **MOZZJONI ĦATRA TA' ASSISTANT PRINCIPAL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv dwar Ms. Maria Lewis, fejn spjega li "d-dmirijiet u l-ħidma ta' Ms. Maria Lewis minn Jannar ta' 2007 sal-lum jinkludu fost l-oħrajn fil-*Customer Relations* b'referenza għall-ilmenti li jitressqu, problemi kollha marbutin ma' *Streetlighting*, u preparamenti ta' fanali ġodda, flimkien mar-responsabbilta' tat-tiġdid tal-ħlas tal-liċenzji tal-ħwienet, tal-ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet u tas-sistema tal-LES, kif ukoll għall-ħlasijiet tal-Kirjiet, fejn hi bl-aħjar mod effiċenti tiżvolġi dan ix-xogħol tal-uffiċċju. Dan minbarra xogħol ieħor ta' attivitajiet għall-anzjani.

Illum bil-ftuħ tal-uffiċċju l-ġdid fl-ewwel sular, Maria poġġejtha responsabbli minn dan l-uffiċċju, fejn tirreferili l-ħidma ta' kuljum, speċjalment dawk il-problemi li jirrikjedu aktar ħidma jew informazzjoni oħra. Marija hija persuna affidabbli ħafna, preċiża f'xogħolha u ftit li xejn tibża mill-piż tax-xogħol li tingħata. Barra minn hekk taf sewwa li kull ħaġa li tintalab tagħmel għall-Kunsill, minn kulħadd, dan tagħmlu, ħafna drabi mingħajr każ li mimlija xogħol. Hija responsabbli f'kull ħaġa li titqabbad tagħmel, speċjalment fis-sistema tal-problemi tal-istreetlighting, kif taf sew.

Għalhekk fid-dawl taż-żieda ta' dawn ir-responsabbilitajiet nissuġġerixxi li Ms Maria Lewis tinħatar Assistant Principal fi skala 11, bir-responsabbilitajiet kollha preżenti, u b'mod partikulari fil-qasam tal-Customer Care Office li tiegħu se tkun responsabbli. Nissuġġerixxi wkoll li dan isir mill-1 ta' Frar 2012."

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 129B/2012 (V)
"Billi llum ix-xogħol fil-Kunsill kiber tant, filwaqt li n-numru ta' impjegati baqa' bħal ma' kien mill-bidu tal-Kunsill, jiġifieri dak ta' ħames impjegati, u billi d-dmirijiet ta' kull impjegata ġew regolarment riveduti skont il-bżonn tal-ħidma ta' kuljum fl-uffiċċji tal-Kunsill, kif ukoll skont l-esperjenza u l-kapaċitajiet li kull impjegata tiżviluppa;

billi d-dmirijiet ta' Ms. Maria Lewis, issa jinkludu t-tmexxija ta' kuljum tal-front office l-ġdid li l-Kunsill ħoloq għall-Customer Care Relations b'referenza għall-ilmenti li jitressqu mir-residenti, flimkien ma' numru ta' responsabbilitajiet oħra b'mod partikulari tħaddim tas-sistema tal-istreetlighting fil-Kunsill, kif ukoll il-permessi kollha;

U billi dawn id-dmirijiet dejjem qdiethom għas-soddisfazzjon sew tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll għas-soddisfazzjon tal-Kunsill, mingħajr l-iċken problema, minbarra li dejjem refgħet kull responsabbilta' fil-Customer Care.

Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Ms Maria Lewis Assistant Principal, Uffiċċjal fi Skala 11, mill-1 ta' Frar 2012 bir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet applikabbli għal din il-kariga, speċjalment għat-tmexxija tal-Uffiċċju tal-Customer Care."

**Il-Kunsilliera Bjorn Azzopari u Margaret Mercieca** ssekondaw.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 129B/2012.**

## 60/06 TENDER – SISTEMA TA' DAWL LED FI TRIQ DUN GWAKKIN SCHEMBRI

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq u qara r-rapport imħejji mill-Ingineer Stephen Buttigieg kif imqabbad mill-Bord maħtur biex jirrapporta dwar l-aktar offerta favorevoli mit-tliet offerti mitfugħa għal sistema ta' dawl LED fi Triq Dun Gwakkin Schembri. **DOK 'B'**

Is-Sindku fisser li skont l-informazzjoni mgħoddija mill-Ingineer l-aktar offerta vantaġġuża għall-Kunsill kienet l-offerta ta' Micamed Ltd għas-somma ta' €26,010. Is-Sindku fakkar li dan il-proġett se jkun ukoll iffinanzjat fil-maġġor parti tiegħu mill-*Urban Improvement Fund*.

**Il-Kunsilliera Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva l-għoti tat-tender lil Micamed Ltd.**

## 60/07 RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2011

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju għas-sena Jannar-Diċembru 2011, liema rapport

kien iċċirkulat u meħud bħala moqri. **DOK 'C'**

**Is-Sindku** rrimarka li wieħed irid jiftakar li mill-ewwel ta' Settembru salaħħar tas-sena l-Kunsill kien tilef €34,000 bħala dħul, għaliex il-flus marru għand ir-Reġjun permezz tas-sistema tal-LES. Huwa fakkar li minn dan id-dħul, is-*surplus* li għandu jifdal fir-Reġjun irid jitħallas mir-Reġjun il-*maintenance* tal-lampi tat-toroq għas-sena 2012.

**Is-Sindku** talab lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella sabiex jispjega b'mod dettaljat dan id-dokument, li qed jitessaq sabiex jiġi approvat u jitressaq għall-awditjar.

**Is-Sur Christian Vella** fisser fid-dettal il-pożizzjoni tar-rapport għas-sena 2011, li minkejja diversi *constraints* li ffaċċja, l-Kunsill irnexxielu jagħmel ċertu *influx* ta' proġetti u mill-aspett finanzjarju kellu suċċess ieħor bl-indikatur jispiċċa pożittiv.

Huwa fisser li mill-aspett ta' skemi, barra li nħatfu l-opportunitajiet li matul is-sena nħarġu, fejn għal sena oħra rnexxielu jakkwista xogħol għal-lokalita', iżda l-Kunsill kellu daqqa ta' ħarta fl-LES, li sejra tinħass f'daqqa, u għalhekk il-Kunsill jeħtieġ li 'l quddiem iħares aktar lejn fondi tal-E.U. permezz ta' proġetti li l-Kunsill jista' jisfrutta aktar.

**Is-Sindku** rrimarka li l-Kunsill qed jiffaċċja spejjeż qawwija sabiex ikun f'pożizzjoni jressaq applikazzjonijiet għall-fondi tal-E.U., fejn għall-*Heritage Trail* hemm spiża mal-M.E.P.A ta' €15,000, u għat-Taħriġ fil-Piroteknika €7,500, fejn il-Kunsill ma jistax itellef opportunitajiet bħal dawn, minħabba fondi. Is-Sindku iżda nnota wkoll li kapaċi niftħu żewġ shelters għall-attivita' iżda dawn jibqgħu miftuħa wara li tgħaddi l-attivita'. Għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill joħloq sinking fund sabiex ikun jista' jħaddem dawn l-iskemi aħjar.

**Is-Sur Vella** spjega li jista' jinfetaħ sinking fund ta' 2% u tkun addottata l-istess sistema li kienet intużat fil-passat. Huwa rrimarka li fil-*bottom line* tal-*Financial Statements* hemm telf ta' €15,113. Kompla jenfażizza li dan mhux *Deficit*, iżda huwa *Accounting Loss*, li jinkludu aġġustamenti, ċerti assi tal-Kunsill li tneħħew mill-kotba, element qawwi fuq il-pożizzjoni taċ-ċitazzjonijiet, li madwar €90,000 din is-sena huma element ta' deprezzament.

Huwa kompla jfisser li kien hemm investiment qawwi ta' €90,000, li huma €18,544 *Office Furniture*, €10,548 *Machinery and Equipment* u €69,766 bħala propjeta', li l-Kunsill ħaseb sabiex jiftaħ is-servizz tal-Customer Care mill-ewwel sular tal-Kunsill. Dan minbarra proġetti oħra bħal ġnien Bertu Hyzler, Triq Dun Gwakkin Schembri u l-*Public Convenience* fi Triq iż-Żenqa, total ta' €64,000, €108,000 u €52,000, li parti sew minnhom kienu iffinanzjati mill-UIF. Ma' dawn wieħed irid iżid r-restawr tan-niċeċ li laħħaq €60,000 u li €15,000 minnhom kienu ffinanżjati mill-iskema tal-Gvern Ċentrali, kif ukoll is-*solar lighting system* fejn il-monument tal-Pulizija Debattista u Ġnien Bertu Hyzler, l-

installazzjoni tal-WiFi u tas-Solar Water Heater fuq il-bejt tal-Kunsill.

**L-Accountant** ġibed l-attenzjoni li Ġnien Bertu Hyzler li kien inbena fl-2002, flimkien ma' xkaffar u computer stands, kien jeħtieġ writeoff u *impairment* ta' €16,158 u €24,515. Ma' dawn ukoll kien għad fadal bilanċ ta' madwar €13,000 fuq permessi tal-proġett tal-bini tal-*Clubhouses* li qatt ma mmaterjalizza.

**Is-Sur Vella** qajjem punt partikulari dwar il-kwistjoni tal-Wasteserv u l-allokazzjoni ta' kull sena li l-Kunsill jirċievi mill-Gvern Ċentrali sabiex jitħallsu t-*tipping fees*. Mis-Sena 2010 il-Wasteserv bdew joħorġu invoices li jaqbżu l-ammont allokat mill-Kunsill u l-Kunsill fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said kif ukoll fuq direttiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex isir biss ħlas skont l-ammont li qed ikun allokat mill-Gvern Ċentrali. Dan ifisser li mill-2010 u l-2011 fil-kotba tal-Kunsill iddaħħlu u tħallsu biss l-ammonti li l-Kunsill irċieva bħala allokazzjoni. Iżda sal-lum il-Kumpanija Wasteserv baqgħet turi li għandha tirċievi d-differenza mill-Kunsill Qormi, differenza li llum laqqet l-ammont ta' €61,952. Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jkompli jagħmel pressjoni sabiex dan kollu mill-Assoċjazzjoni jkollu livell legali.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-*Accountant* għall-ispjega li ta lill-Kunsill u ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u dan id-dokument issa għandu jintbagħat lill-Awditur Generali sabiex jinbeda l-awditjar tas-sena 2011.

**60/08 ANNUAL BUDGET 2012**

Is-Sindku ressaq id-dokument iffinalizzat tal-*Annual Budget* 2012 flimkien mal-Allokazzjoni Finanzjarja 2012 kif ġiet emendata, fejn tnaqqas l-ammont ta' €7,078. **DOK 'E'**

'Billi l-*Budget* għas-Sena 2012 jinħtieġ li jiġi approvat wara li kienet imressqa l-Allokazzjoni Finanzjarja 2012;

Il-Kunsill mitlub li jikkonsidra dan id-dokument li qed inressaq, sabiex wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsill Lokali kif titlob il-Liġi.'

**Is-Segretarju Eżekuttiv** kien mitlub iressaq spega ta' dan ir-rapport, u wara s-Sindku ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni mressqa.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.
**Il-Kunsill unanimament** approva l-Budget għall-2012, u dan id-dokumenti issa jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**60/09 BUSINESS PLAN 2012-2014**

**Is-Sindku** għadda biex iressaq id-dokument iffinalizzat tal-Pjan ta' Ħidma, *Business Plan* 2012-2014. **DOK 'F'**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 116/2011 (V).

‘Qed inressaq dan id-dokument tal-*Business Plan* għat-tliet snin 2012-2014, li nħadem fuq il-linji kif diskussi għall-*Budget*, sabiex il-Kunsill jikkonsidra u japprova u wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kif titlob il-Liġi.’

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament** approva l-Pjan tal-Ħidma għas-Snin 2012-2014, u dawn id-dokumenti issa jintbagħtu lil-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**60/10 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 13 ta' Frar 2012 fis-7:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:45 ta’ fil-għaxija.

Jesmond Aquilina — John Farrugia
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta’ ...................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)